# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 33 L-ERBGHA, IL-15 TA' MARZU, 1944. Nru. 33


## BIEX NIFTIEHMU....

(*C. Zammit Marmarà, M.B.E.*)

IL-BIEDJA mhix industrja waħda. Hi omm l-industrji kollha tad-dinja. Fiha nfisha tħaddan bosta fergħat. Il-kultivazzjoni ta' bosta wċuħ tal-bagħli u tas-saqwi, it-torbija u l-għażla ta' l-annimali u bhejjem tar-raba', it-torbija tal-fniek għall-ġlud jew għal-laħam, il-kultivazzjoni tad-dwieli għall-egħsir tal-għeneb għall-inbid, it-torbija tat-tiġieġ għal-laħam u għall-bajd, il-produzzjoni tal-ħalib għall-ġobon, it-torbija tal-majjali għall-*bacon* u għall-perżut, u bosta fergħat oħra huma fihom infushom industrji u kollha jiddependu minn ħaġa waħda mill-ART.

Iżda biex l-art tkun tista' tagħti dawn il-ħwejjeġ ewlenin jinħtiġilha x-xogħol, u biex dan ix-xogħol ikun jista' jsir sewwa u jagħti l-frott tiegħu jinħtieġ ikun hemm ftehim bejn in-nies li jagħmluh, jiġifieri jinħtieġ li jkun hemm rispett għal xulxin, ftehim u mħabba bejn il-bdiewa.

In-nuqqas ta' dan u t-traskuraġni li sofriet il-biedja sa qabel il-gwerra ikkaġunaw dak il-gwaj kollu li tefa' l-bdiewa fil-faqar li kien hemm sa sentejn ilu fil-kampanja. Il-biedja, OMM l-industrji, kienet nieqsa wisq mill-protezzjoni u mit-triġija tajba. Ma kien hemm l-ebda ftehim fost in-nies li jaħdmu l-art.

Din il-gwerra qiegħdet il-kampanja tagħna f'posizzjoni bil-bosta aħjar milli kienet tinsab f'dawn l-aħħar tnejn u għoxrin sena. Il-bdiewa għamlu xi ftit flus — għalkemm mhux daqs kemm jgħidu n-nies. Il-bdiewa għamlu xi sold biżżejjed biex iħallsu d-djun tagħhom, u bosta minnhom setgħu iktarx iwarrbu xi sold b'mod li jistgħu jibdew ħajja ġdida u jgħinu ruħhom biex joħolqu jew imexxu 'l quddiem industrji oħra li jkunu ta' għana ġdid f'pajjiżna u nuqqas ta' qagħad għaż-żmien li ġej. Fi ftit kliem l-għana tal-kampanja jġib għana fl-ibliet.

Iżda biex dan iseħħ, jinħtieġ li jkun hemm ftehim sod fost il-bdiewa stess u fost dawk in-nies kollha li jgħixu minn din l-industrja. Jinħtieġ ikun hemm organizzazzjoni tas-swieq fuq metodi moderni. Meta ngħidu ftehim irrid infisser il-bżonn li bidwi jgħin lill-ieħor. Li min jaħdem jew jaqla' l-għejxien tiegħu mill-biedja jgħin lill-bidwi. Li n-nies ta' l-ibliet jifhmu d-diffikultajiet tal-kampanja u l-bżonn li din tibqa' timxi 'l quddiem. Fi ftit kliem jinħtieġ illi l-bdiewa jgħinu lil xulxin u n-nies ta' l-ibliet u tal-kampanja jgħinu lil xulxin ukoll. Jinħtieġ li l-bdiewa jikkooperaw flimkien. Hawn hi fejn il-kelma *ko-operazzjoni* ssib il-ħolqien tagħha. Għaqdiet ta' għajnuna lil xulxin, jissejħu Għaqdiet Ko-operattivi Dawn huma assolutament meħtieġa!

Il-ko-operazzjoni bejn il-ħaddiema hi l-qirda ta' l-injuranza u l-edukazzjoni ta' l-industrja. Bejn il-bdiewa hi teqred dik il-għira li dejjem żammet lura l-veru żvilupp ta' din l-industrja. *Hi ma tfisser fl-ebda sens il-qirda tan-nies li jaħdmu mal-bdiewa. Bil-maqlub iżjed ma din l-industrja tiżviluppa ruħha, iżjed ikun jinħtieġ ko-operazzjoni u iżjed tiġbed nies li jaħdmu fiha u minnha.*

L-organizzazzjoni tal-biedja ttejjeb is-swieq sew għall-bidwi kemm ukoll għax xerrej. Dan ma jfissirx "prezzijiet għoljin" bħal ma xi għedewwa tal-progress qegħdin jaħsbu li huma l-ko-operattivi. Il-bidwi kellu d-drawwa li jibgħat fis-suq prodotti mimlija ħażin, b'xi ftit sabiħ fil-wiċċ, li kien iqarraq l-għajnejn. Meta l-bidwi jagħżel il-prodott sewwa, jiġifieri s-sabiħ għalih u l-inferjuri għalih, hu jġib prezz wisq aħjar għat-tajjeb u prezz inqas għall-inferjuri. Dan ifisser li min jiekol jonfoq flusu bil-ħaqq, u li min ikun jista' jħallas (min jixtri l-*prima kwalità*) ikun iħallas għal min ma jistax; u hekk il-bidwi jdaħħal flus iżjed milli kien idaħħal kieku ħallat il-prodott.

Bil-Ko-operattivi, il-bidwi jkun jista' wkoll jixtri b'inqas, għaliex il-għaqda ko-operattiva tar-raħal tista' tixtri bl-ingrossa dak li jkun hemm bżonn għall-bdiewa imseħbin tagħha, u dan għalhekk jgħin lill-bidwi jikkultiva l-uċuħ b'inqas spejjeż.

Hi ħaġa li kulħadd jifhimha li jekk fl-imgħoddi l-bidwi kien jikkultiva r-raba' mingħajr qligħ, għalli ġej jinħtieġ li jkun imħallas bil-ħaqq ta' xogħlu. Hadd minnha ma jrid jixtri libsa minn għand il-ħajjat b'inqas milli tiswa lill-ħajjat stess; jew żarbun b'inqas milli jiswa lill-iskarpan; jew mobbli b'inqas milli jiswew lill-mastrudaxxa; jew ħaġ'oħra, tkun xi tkun, li tiswa iżjed lill-fabbrika mill-prezz li nixtruha.

Jekk aħna nixtru qmis bi prezz inqas milli tkun tqum lill-fabbrika, jew bi prezz li ma jħallix qligħ xieraq, dan ikun ifisser li l-fabbrika li qed tagħmilha, illum jew għada tfalli u n-nies li jaħdmu fiha jsibu ruħhom mingħajr xogħol, jew inkella li l-ħaddiema tagħna huma mħallsin hekk baxx li qed jgħixu xi tbatija kbira. Jekk nixtri libsa, żarbun jew ħaġ'oħra inqas milli tiswa jew daqs kemm tiswa jew li tħalli qligħ żgħir wisq, dan ifisser ukoll illi min qiegħed jaħdem dawk il-ħwejjeġ hu mitmugħ ħażin u wliedu neqsin mill-bżonnijiet tal-ħajja.

Fil-biedja hi l-istess ħaġa. Jinħtieġ li l-bidwi jagħmel qligħ xieraq u li l-industrja tħalli qligħ xieraq lil dawk kollha li jaħdmu fiha.

Bis-saħħa tal-għaqdiet ko-operattivi fil-kampanja, aħna naraw il-qirda tal-għira u ta' l-injuranza f'pajjiżna, it-twelid ta' industrji ġodda li jnaħħsu l-qagħad u li jżommu l-bidwi dejjem interessat fix-xogħol u fl-iżvilupp tar-raħal tiegħu. B'dan il-mod biss nistgħu nżommu l-għana li hawn fil-pajjiż milli jaħrab għal artijiet oħra; għaliex, jekk dan ma jsirx, il-bidwi żagħżugħ wara l-gwerra jaqbad flusu u jsiefer biex imur jgħix f'xi pajjiż ieħor fejn jista' jsib dawk l-opportunitajiet li pajjiżu stess ikun ċaħadlu u b'hekk dawk il-flus imorru jgħinu ħaddiema ta' pajjiżi barranin meta tant għandna bżonnhom f'artna biex jgħinu l-ħaddiema tagħna u jnaqqsu l-qagħad.

